MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 167/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mohammed Haga**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell interpost minn Mohammed Haga (iben Abdul Aziz u Shufa, imwieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar 1991) minn sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' April 2010.

**2.** L-imsemmi Mohammed Haga tressaq b'arrest quddiem l-imsemmija qorti fid-9 ta' April 2010 akkuzat talli fil-jiem ta' qabel it-8 ta' April 2010 (**1**) bhala persuna li kien nizel Malta, naqas li jkollu passaport, u dana bi ksur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 (l-Att dwar l-Immigrazzjoni), u aktar (**2**) talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat u

cioe` karta tal-identita` Griega numru 518013462, u dana bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 (il-Kodici Kriminali).

**3.** Dejjem fl-imsemmija udjenza tad-9 ta' April 2010, fejn l-imputat kien assistit mill-Avukat Dott Cedric Mifsud, u wara li gie stabbilit li l-imputat kien jifhem bil-Malti (ara l-verbal ta' l-udjenza), l-imsemmi Mohammed Haga ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Huwa gie kkundannat ghaxar (10) xhur prigunerija. Permezz ta' rikors ippresentat fil-21 ta' April 2010, l-imsemmi Haga appella minn din is-sentenza. Huwa jikkontendi li l-akkuza taht l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali ma kellhiex tinghata ghax "id-dokumenti li ghandhom x'jaqsmu ma' passaporti u karti ta' identita` ghandhom ligi adok [recte: *ad hoc*] u ligi specjali…[u]…huwa principju tal-ligi illi l-ligi specjali tirbah fuq il-ligi ordinarja." Skond l-appellant, minkejja li kien hemm ammissjoni, "huwa d-dmir tal-Qorti illi tara jekk ir-reat imressaq mill-prosekuzzjoni jirrizultax…". L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva, u jghid li f'dawn il-kazijiet dejjem inghatat sentenza sospiza u l-persuna titkecca immedjatament minn Malta.

**4.** Jinghad mill-ewwel li dawn l-aggravji huma infondati, anzi jirrazentaw il-fieragh. Galadarba l-appellant, allura imputat, ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, huwa ma jistax fi stadju ta' appell jilmenta li ma kellux jigi akkuzat taht ligi partikolari izda li kellu, se mai, jigi akkuzat taht xi ligi ohra. Huwa minnu illi qorti fi stadju ta' appell tista', eccezzjonalment, tasal ghall-konkluzzjoni li l-"fatti imputati" ma jikkostitwux reat minkejja li kien hemm "ammissjoni", izda dan jista' jsehh biss meta <u>ma jkun hemm ebda</u> ligi li tippunixxi dak il-fatt bhala reat. Hekk, per ezempju, jekk persuna tigi imputata bil-fatt, allegatament reat, li "kienet ghaddejja minn Triq ir-Repubblika, Valletta, liebsa kappell", anke jekk l-imputat jammetti u l-ewwel qorti ssibu hati u tikkundannah, din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fuq appell interpost mis-suppost hati, tkun tista' thassar il-kundanna, ghax ovvjament ma hemm ebda ligi li tipprojbixxi milli xi hadd jilbes kappell hu u ghaddej mit-toroq tal-Belt. Ikun differenti li kieku l-imputazzjoni tkun li dik il-persuna

"kienet ghaddejja minn Triq ir-Repubblika, Valletta, liebsa kappell biss", ghax f'dak il-kaz il-fatt imputat ikun jipotizza r-reati kontemplati fl-Artikoli 209 u 338(*q*) tal-Kodici Kriminali! Fil-kaz in dizamina, pero`, ma ghandna xejn minn dan. Apparti li l-appellant ma indikax liema hija l-ligi "specjali" l-ohra li ghaliha qed jirreferi, l-Artikolu 345 tal-Kodici Kriminali huwa car: "Fil-kazijiet mhux ikkontemplati f'dan il-Kodici, u li huma s-suggett ta' ligijiet jew regolamenti specjali, ghandhom jitharsu dawn il-ligijiet jew regolamenti specjali." Mela, huwa biss meta l-fatt ma jkunx ikkontemplat fil-Kodici Kriminali izda jkun is-suggett ta' ligijiet specjali, li ghandha tapplika l-ligi specjali. Meta l-fatt ikun kolpit kemm mill-Kodici Kriminali u minn xi ligi ohra, jista' jkollok konkors formali ossia idejali (a differenza ta' konkors materjali li huwa trattat fl-Artikolu 17 tal-Kap. 9) ta' reati jekk il-prosekuzzjoni takkuza taht iz-zewg ligijiet, b'mod li effettivament ikun gie kommess reat wiehed biss; izda ma jfissirx li l-prosekuzzjoni hija obbligata li takkuza taht dik il-ligi specjali minflok taht il-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant odjern, kwantu ghall-karta ta' l-identita` Hellenika, b'falsifikazzjoni skond l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, haga li hija kienet perfettament intitolata li taghmel. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

**5.** Kwantu ghall-piena – u hawn tajjeb li jigi osservat li l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 17 imsemmi ghal dak li jirrigwarda konkors materjali bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni – filwaqt li l-piena skond l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 hija ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, il-piena ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni (Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap. 217) hija ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn (jew multa, jew prigunerija u multa flimkien). Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva diversi drabi, id-dhul f'Malta minghajr dokumenti jew b'dokumenti foloz hija haga serjissima, u li tincidi fuq is-sigurta` ta' l-iStat. Li wiehed anke jghaddilu mill-antiporta ta' mohhu li dan jista' jkun kaz ta' sentenza sospiza juri kemm l-istituzzjoni tas-sentenza sospiza tista' tigi abbuzata. L-ewwel qorti f'dan il-kaz, tenut kont, kif

inghad, li si trattava ta’ dhul f’Malta b’dokumenti foloz, u fejn ma jirrizultax li kien hemm xi cirkostanzi specjali u straordinarji li wassal ghal tali dhul b’dawk id-dokumenti, ghamlet sew li tat sentenza ta’ prigunerija b’effett immedjat. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

**6.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------